**VELLA BONDIN, JOSEPH** F'Ottubru 2003 ix-xogħol għal palk tiegħu *Is-Sur Mastru Bella, il-Professur u Proġetti Oħra* f'żewġ atti sar f'St. James Cavalier Centre for Creativity, dirett minn John Suda. (Sun. Times 12-10-03); Fil-ktieb *Malta: Roots of a Nation* (ara Gambin, fuq) ikkontribwixxa artiklu dwar il-mużika f'Malta; Kiteb dwar Benigno Zerafa kompożitur (Sun. Times 28-3-04) u *National Theatre and Playwrights (Malt. Indep. Sund. 25-10-03);*

**ZAHRA, LORENZO** Minbarra diversi kitbiet ta' korrispondenza u oħrajn, kiteb dwar il-festa tal-Vitorja (Mument 7-9-03); Il-Jum Nazzjonali fil-Birgu Nazz. 25-9-03); Il-Kastell Sant' Anglu (Nazz. 13-10-03); il-mużew tal-palazz ta' l-inkwiżitur (Nazz. 20-10-03); it-torri ta' l-arloġġ tal-Birgu (Nazz. U Mument 11 u 14 Marzu 2004); kellu wkoll *Paġnastorja* fuq l-RTK Radio.

**ZAMMIT MAEMPEL, GEORGE** Kiteb *The New Museum at Għar Dalam* fit-*Treasures of Malta* 9 (1) paġ.25-30; Fil-*Malta Archaeological Review* No.5 2001 p.23-39, ikkontribwixxa *Avian Representations from Prehistoric and Medieval sites in the Maltese islands.*

**L-Għaqda Maltija tal-Folklor** organizzat attivita fil-knisja ta' Porto Salvo (San Duminku) l-Belt, fid-19 ta' Nov. 2003 meta filgħaxija saret quddiesa għar-ruħ il-presidenti u membri mejtin ta' l-Għaqda. Wara l-quddiesa Fr. T. Mallia-Milanes dawwar lill-membri preżenti makl-knisja biex jispjega l-istorja u t-teżori tagħha.

## *IL-PUBBLIKAZJONI TA' ARTIKOLI MILL-IMNARA*

***Aktar tard is-sena d-dieħla, il-Klabb Kotba Maltin se jniedi pubblikazzjoni li tiġbor fiha artikoli li dehru fl-IMNARA matul is-snin. Kull minn qatt kiteb fl-Imnara se jkun irrappreżentat b'mill-inqas artiklu wieħed. Il-copyright tal-materjal kollu ppubblikat tibqa' ta' l-awturi kkonċernati.***

***Il-membri huma mħeġġa jakkwistax kopja.***